

Brussell, 16 ta' Awwissu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0272(NLE)

11275/21
ADD 1

TRANS 502
COWEB 93
ELARG 45

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Awwissu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 479 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 479 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2021) 479 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.8.2021
COM(2021) 479 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022

ANNEX

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru /2021 TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT- TRASPORT

ta' ...

dwar l-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2022

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikoli 24(1) u 35 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

B'dan huwa adottat il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2022, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tar-regoli finanzjarji u l-proċeduri tal-awditjar applikabbli għall-Komunità tat-Trasport, l-appropriazzjonijiet ta' linja baġitarja partikolari tal-baġit tal-2022 jistgħu jintużaw għall-finijiet li l-baġit jattribwixxi lil linja baġitarja oħra, fil-limitu totali ta' 10 % tal-appropriazzjonijiet tal-linja baġitarja msemmija l-ewwel. Dan ma għandux japplika għal-linja baġitarja fir-rigward tal-baġit tar-riżorsi umani.
- (2) L-appropriazzjonijiet riportati minħabba li jikkorrispondu ma' obbligi ffirmati fi tmiem l-2021, kif speċifikat fil-baġit meħmuż, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-użu msemmi fl-ewwel paragrafu. Dawn ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tal-ammont massimu li jikkorrispondi mal-limitu ta' 10 % imsemmi fihom.

Artikolu 3

- (1) L-appropriazzjonijiet li ma jkunux ġew impenjati fi tmiem is-snin finanzjarji 2020 u 2021 għandhom jitħassru u jitħallsu lura lill-Partijiet f'konformità mal-perċentwali stabbiliti fl-Anness V tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport u skont il-kontribuzzjonijiet li tħallsu realment.

Magħmul nhar il-..., fi... 2021.

Għall-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali

Il-President

BAGĦIT TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT GĦAS-SENA 2022

Linja baġitarja	Ammont (EUR)
1. Segretarjat Permanenti	
1.1. Riżorsi Umani	1 504 868
1.2. Kostijiet tal-Ivvjaġġar	156 910
1.3. Kostijiet tal-uffiċċju, tagħmir u software	481 300
1.4. Kostijiet u servizzi oħra, inklużi: - Servizzi esternalizzati u servizzi oħra (Awdiċjar, Viżibbiltà, Taħriġ tal-persunal, Imposti bankarji) - Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi - Kostijiet ta' Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u Komunikazzjoni - Kostijiet tar-reklutaġġ	274 710
1.5. STUDJI, Assistenza Teknika għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal- <i>Acquis</i> tal-UE u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni.	220 000
2. Kunsill Ministerjali	
2.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	30 400
3. Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali	
3.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	18 560
4. Kumitati Tekniċi	
4.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	154 800
5. Forum Soċjali	
5.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	10 800
6. Kumitat tal-Baġit	
6.1. Kostijiet ta' Laqgħat u Konferenzi	6 800
Riżerva (madwar 8 % ta' krediti ġodda)	142 957
Kreditu ġodda totali	2 859 158
Riżerva tal-Baġit (madwar 5 %):	142 957

Total globali	3 002 105¹
Kontribuzzjoni tal-UE (80 % ta' krediti ġodda)	2 401 684
Kontribuzzjoni tal-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa (20 % ta' krediti ġodda: l-Anness V tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport jipprovdi d-distribuzzjoni għal kull pajjiż)	600 421

¹ Ammont indikattiv, ammont finali li jrid jiġi kkonfermat meta jkun magħruf l-ammont totali riportat mill-2020